Rapport dwar Każ Nru OMB-25-7021

Ilment imressaq mis-[Ommisis] dwar nuqqas ta' aċċess ripetut ta' garaxx fi Triq l-Imsida, Santa Venera

L-ilment

1. Fil-15 ta' Diċembru 2025, is-[Omissis] (il-*complainant*) bagħat l-ilment tiegħu lill-Uffiċċju tal-Ombudsman dwar il-fatt li ripetutament kien qiegħed jiffaċċja diffikultà biex jidħol u joħroġ mill-garaxx tiegħu li jinsab biswit ir-residenza tiegħu stess fi Triq l-Imsida, Santa Venera.

2. Is-[Omissis] spjega li fil-viċinanzi tad-dar tiegħu hemm diversi stabbilimenti kummerċjali. Huwa sostna li numru ta' vetturi ta' klijenti li jżuru u jinqdew minn dawn l-istabbilimenti, kif ukoll ta' persuni li joqogħdu fl-inħawi, ta' spiss jitħallew quddiem l-entratura tal-garaxx u jostakolawh milli jużah liberament. F'diversi okkażjonijiet kellu huwa stess imur ifittex lis-sewwieqa jew jistenna sakemm ineħħulu l-vettura minn quddiem il-garaxx tiegħu. Drabi oħra saħansitra kellu wkoll meta jasal id-dar, jieqaf fit-triq sakemm min kien qed jostakolalu l-aċċess jiċċaqlaq minn quddiem il-garaxx tiegħu.

3. Għalhekk sabiex jipprova jnaqqas il-problema, il-*complainant* poġġa Sticker 'Garage in Use 24/7) u għamel ukoll żewġ tabelli bil-kliem 'Garage in Use 24/7', 'No Parking' u 'Tow Zone Area'. It-tabelli li għamel hu stess kienu mwaħħla ma' arbli mqiegħda f'kontenituri mimlija bis-siment u tape apposta li jirrifletti fid-dlam. F'Diċembru 2025, uffiċjal ta' Transport Malta talbu jneħħihom għaliex ma kinux awtorizzati. Il-*complainant* ħass li ma kienx sewwa

li ntalab ineħħi dawn it-tabelli li kien għamel hu stess (u li permezz tagħhom kien irnexxielu jtaffi ftit minn din il-problema dwar l-ostakolu għall-aċċess tal-garaxx tiegħu) għaliex, fil-fehma tiegħu, ittieħdet azzjoni dwar it-tabelli iżda ma ngħatax rimedju effettiv għall-ostakolar tal-garaxx.

Il-fatti

4. Mal-email tal-ilment tiegħu kien hemm annessi wkoll ritratti tal-faċċata tal-garaxx u tat-tabelli li kien għamel quddiem il-garaxx. Ir-ritratti juru wkoll vettura quddiem il-fetħa tal-garaxx u jidher li hemm marki sofor fit-triq.

5. Fit-30 ta' Marzu 2026, dan l-Uffiċċju talab lil Transport Malta tispjega l-pożizzjoni tagħha dwar it-tabelli temporanji u tindika jekk kienx hemm xi mezz li bih setgħet tinstab soluzzjoni għall-problema tal-*complainant*.

6. Fid-9 ta' April 2026, Transport Malta bagħtet it-tweġiba tagħha. Huwa apprezzat u rikonoxxut il-fatt li Transport Malta fi ftit jiem tat ir-reazzjoni tagħha lil dan l-Uffiċċju, mandankollu, skont il-liġi (fil-verżjoni skorretta ta' Trasnport Malta), vettura tista' tipparkja quddiem garaxx sakemm jitħalla numru tat-telefon viżibbli sabiex is-sid ikun jista' jiġi kkuntattjat jekk ikun hemm bżonn li l-vettura titneħħa. Żiedet tgħid li persuna ma tistax minn jeddha tinterferixxi jew tagħmel tibdil fi triq pubblika, inkluż bit-tqegħid ta' tape jew marki oħra, u rrakkomandat li jiġu kkuntattjati l-awtoritajiet kompetenti meta l-aċċess għall-garaxx ikun ostakolat.

7. Ta'min jinnota li fil-21 ta' Mejju 2026, dan l-Uffiċċju rċieva risposta oħra mingħand uffiċjal differenti ta' Transport Malta. Ir-risposta kienet kelma

b'kelma bħal dik tad-9 ta' April 2026 u bl-istess mod ma tat ebda indikazzjoni dwar liema kienu d-dispożizzjoni legali li fuqha kienet ibbażata l-pożizzjoni ta' Transport Malta fejn jissemma li jista' jitħalla n-numru tat-telefon/mobile (meta karozza tkun ipparkjata quddiem garaxx), u lanqas ma ssemmiet xi proċedura jew miżura prattika li setgħet tnaqqas ir-repetizzjoni kontinwa tal-problema. Barra minn hekk lanqas ma ngħata ebda tagħrif dwar liema kienu l-awtoritajiet li wieħed seta' jikkuntattja meta wieħed jiffaċċja tali problema.

8. Fis-16 ta' Lulju 2026, dan l-Uffiċċju informa lill-complainant bil-pożizzjoni kkommunikata minn Transport Malta u stiednu jagħti l-kummenti tiegħu dwarha.

9. Fid-19 ta' Lulju 2026, il-*complainant* wieġeb li ma jaqbilx mal-pożizzjoni tal-Awtorità. Huwa qal li, fil-prattika, numru tat-telefon/mobile ma jiggarantixxix aċċess: ġieli meta ċċemplilhom ma jwieġbux, jew ikellmuk b'ton ta' rabja, jew iħalluk tistenna sakemm ilestu kumdita tagħhom. Drabi oħra saħansitra il-mobile jitħalla fil-vettura u allura żgur li ma jkunx jista' jwieġeb u jċaqlaq il-vettura. Tenna wkoll li t-tabelli tiegħu kienu naqqsu l-problema u li ma ngħatax parir ċar dwar xi alternattiva oħra awtorizzata.

Kunsiderazzjonijiet

10. F'dan l-ilment jeħtieġ illi ssir verifika ta' żewġ kwistjonijiet distinti. L-ewwel waħda hija jekk persuna tistax tqiegħed, minn jeddha, tabelli jew oġġetti fit-triq pubblika. It-tieni hija jekk ir-risposta mogħtija minn Transport Malta indirizzatx b'mod korrett u adegwat l-ostakolar allegat tal-aċċess għal garaxx li qed jintuża mill-*complainant*.

11. Fir-rigward tal-ewwel kwistjoni, il-fatt li persuna tkun qiegħda tipprova tħares l-aċċess għall-garaxx tagħha ma jagħtihiex awtorità fuq it-triq pubblika. Dan huwa stabbilit f'paragrafu 77(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 li tgħid kif ġej:

> " *Ebda persuna ma għandha tiżbogħ jew iġġiegħel li jinżebgħu xi marki tal-karreġġata fuq kull naħa tat-triq quddiem id-dħul jew il-ħruġ ta' xi fond immarkat bħala garaxx:*
>
> *Iżda l-Awtorità tista' tapprova ż-żbiegħ ta' sinjali sofor doppji fuq kull naħa jew naħa waħda tal-fond immarkat bħala garaxx jew fuq in-naħa opposta tat-triq biex tiżgura d-dħul u l-ħruġ bla ebda periklu ta' vettura bil-mutur fi u minn dak il-garaxx.*"

Għaldaqstant, marki, tabelli jew oġġetti fit-triq għandhom ikunu awtorizzati mill-entità kompetenti u ma għandhomx joħolqu periklu jew ostakolu ieħor. Għalhekk, it-talba biex jitneħħew it-tabelli privati ma tidhirx, fiha nnifisha, irraġonevoli. L-uffiċjal ta' Transport Malta kien korrett meta ħa azzjoni u talab lill-*complainant* biex ineħħi t-tabelli magħmula minnu stess.

12. Madankollu, l-Ombudsman iqis li t-tneħħija tat-tabelli ma ndirizzatx l-problema li kien qed jiffaċċja sid il-garaxx. Amministrazzjoni tajba titlob li tingħata spjegazzjoni ċara dwar ir-regoli applikabbli, dwar min għandu jiġi kkuntattjat meta l-garaxx ikun effettivament ostakolat, u dwar il-proċess li jista' jwassal għal evalwazzjoni ta' miżura awtorizzata fuq il-post.

13. Dwar it-tieni punt imsemmi fl-ittra ta' Transport Malta li xufier jista' jipparkja quddiem garaxx sakemm iħalli n-numru viżibbli fejn jista' jiġi kkuntattjat biex titneħħa l-vettura li tkun qed tostakolah, jidher li dan imur kontra

dak stabbilit mir-regolament 77(2) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.11, (l-istess regolamenti imsemmija aktar il fuq), jipprovdi li:

> " *Ebda persuna ma għandha tipparkja jew tħalli bla għassa xi vettura bil-mutur b'dak il-mod li ma tħallix xi vettura bil-mutur ta' persuna oħra milli jkollha dħul jew ħruġ liberu għal jew minn xi post użat u immarkat b'mod ċar bħala garaxx bil-kelma "GARAXX LI QED JINTUŻA":*
>
> *Iżda għall-finijiet ta' dan ir-regolament il-kelma "garaxx" tfisser kull bini użat speċifikament biex jiġu garaxxjati u, jew ipparkjati vetturi bil-mutur, u tinkludi drive-in*."

Dan ifisser li r-regolament huwa ċar u juri li ħadd ma għandu permess li jipparkja vettura quddiem garaxx u b'xi mod jostakola l-aċċess tiegħu, meta huwa immarkat li huwa garaxx li qed jintuża, bħal ma huwa mingħajr dubju, dak fil-każ taħt eżami. Għalhekk mill-investigazzjoni jirriżulata li f'dan ir-rigward Transport Malta aġixxiet bi ksur tal-Artikolu 22(1) u (2) tal-Kap 385.

14. Jekk din l-Awtorità tqis li l-pożizzjoni tagħha hija fondata fil-fatt u/jew fid-dritt allura kellha tidentifikaha u tispejagaha. Imma fl-ebda waqt ma sar dan la ma min ilmenta u lanqas ma' dan l-Uffiċċju.

15. Punt ieħor li ġie osservat matul l-investigazzjoni kien dak li fir-risposta ta' Transport Malta għamlet referenza b'mod ġenerali għall-'awtoritajiet kompetenti' f'każ li din il-problema tibqa' tippersisti. Madanakollu, ma kienx hemm dettalji x'għandu jagħmel resident f'ċirkostanza simili. L-amministrazzjoni tajba titlob li b'mod preċiż u ċar, kull min jeħtieġ għandu jingħata tagħrif prattiku dwar lil min għandu jirrapporta, liema dettalji għandu

jipprovdi f'każ ta' ostaklu u x'azzjoni tista' tittieħed mill-awtoritajiet imsemmija. Mingħajr din il-gwida, b'mod inġust, il-piż biex tissolva s-sitwazzjoni jibqa' jitqiegħed fuq il-persuna li tkun qiegħda tipprova tagħmel użu mill-garaxx tagħha.

16. Barra minn hekk, Transport Malta stess tippubblika tagħrif dwar '*Unimpeded Access to Garages*' bħala parti mill-policy tagħha marbuta mal-Permanent Traffic Management. Dan il-proċess jipprevedi evalwazzjoni skont il-kundizzjonijiet tas-sit u jippermetti li jiġu kkunsidrati marki jew miżuri awtorizzati fejn dawn ikunu teknikament u legalment ġustifikati. Għalhekk, dan l-Uffiċċju jħoss li qabel tingħata risposta konklużiva, f'dan il-każ kien xieraq li l-Awtorità tindika dan il-proċess jew tikkunsidra jekk il-każ kellux jiġi riferut lil xi waħda mit-taqsimiet kompetenti tagħha, b'koordinazzjoni mal-Kunsill Lokali.

17. F'dan l-istadju dan l-Uffiċċju jidhirlu li huwa f'loku li jagħmel kumment ulterjuri. Wieħed jifhem li fi triq residenzjali fejn hemm ukoll stabbilimenti kummerċjali importanti li jsir bilanċ bejn l-interessi differenti. Fuq in-naħa 'l waħda nsibu dawk tar-residenti li bir-raġun jixtiequ u jippretendu li ma jiġux mxekkla fit-tgawdija tal-proprjetajiet tagħhom u li jkollhom serħan il-moħħ li hemm biżżejjed miżuri min-naħa tal-awtoritajiet li jħarsu s-sigurtà u l-interessi tagħhom. Fuq in-naħa l-oħra nsibu l-interessi tal-ħwienet tal-kummerċ u tal-klijenti tagħhom li għalihom huwa essenzjali li jkollhom negozju ta' suċċess u li l-klijenti tagħhom jinqdew. Iżda għalkemm m'hemm xejn ħażin li jsir kummerċ, dan ma jistax isir a skapitu tar-residenti u għalhekk jeħtieġ li jkun hemm miżuri li jistabbilixxu fejn jista' jsir il-parkeġġ għall-klijenti mingħajr ma joħolqu inkonvenjent għar-residenti speċjalment dawk li jkollhom garaxxijiet għal parkeġġ tal-vetturi tagħhom li huma protetti mil-liġi stess.

18. Kunsiderazzjoni oħra importanti f'din l-investigazzjoni hija li minkejja li matul l-investigazzjoni l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera ma ġiex formalment ikkonsultat u ma ngħatax l-opportunità jispjega jekk sarux rapporti, spezzjonijiet jew talbiet għal miżuri fit-triq fil-kwistjoni. Dan l-Uffiċċju huwa tal-fehma li l-parteċipazzjoni tiegħu hija meħtieġa biex kwalunkwe soluzzjoni fuq triq tal-lokal, tiġi eżaminata u implimentata b'mod koordinat.

19. Fid-dawl ta' dan kollu, dan l-Uffiċċju jqis li parti mill-ilment huwa ġustifikat safejn Transport Malta ma tatx risposta ċara u kompluta kif titlob li jsir amministrazzjoni pubblika tajba, minħabba li ma identifikatx il-bażi legali tal-pożizzjoni tagħha dwar li jitħalla numru għal kuntatt u ma indikatx proċess prattiku u awtorizzat sabiex il-problema rikorrenti tiġi eżaminata. Mill-banda l-oħra mhux ġustifikat li l-*complainant* iqiegħed tabelli jew marki privati fit-triq u dwar dan Transport Malta aġġixxiet b'mod korrett u skont ir-regolamenti, meta talbet li dawn jitneħħew.

Rakkomandazzjonijiet

20. Għaldaqstant, l-Ombudsman jirrakkomanda li Transport Malta:

(a) tapplika l-liġi kif inhi in partikolari l-Artikolu 77(2) tal-LS 65.11 u twarrab il-proċedura skorretta li qed tapplika fil-preżent, u ċioe li vettura tista' tipparkja quddiem garaxx meta jitħalla numru tat-telefon, u tara li din il-prattika skorretta ma tibqax tiġi mħaddma u tieħu ħsieb li tinforma bil-miktub lill-uffiċjali tagħha u mill-aktar fis temenda d-dokumenti li jsostnu din il-prattika.

(b) għandha tikkordina mal-LESA u jekk ikun il-każ mal-awtoritjiet tal-pulizija biex ikun assikurat li jekk vetturi li jkunu pparkjati bi ksur tal-liġi, bħal fil-każ taħt eżami, parkeġġ quddiem garaxxijiet fejn isir parkeġġ ta' vetturi jittieħdu proċeduri inkluż li dawn jitneħħew jew jiġu rmonkati b'mod immedjat.

(ċ) Transport Malta għandha tinforma lill-Ombudsman dwar il-pożizzjoni tagħha u l-miżuri meħuda biex jiġu implimentati dawn ir-rakkomandazzjonijiet fi żmien xahar mid-data tar-rapport.

Imħallef Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

11 ta' Awwissu 2026